# Lil Gużê Aquilina

*B'turija ta' ħbiberija mwaqqfa fuq*
*l-imħabba tiegħu għall-Lsien Malti*

Miegħek bil-ħsieb, ħabib, jien ngħix u ngħammar.
Miegħek bil-ħsieb, ħabib, norqod u nqum.
Miegħek bil-ħsieb, ħabib, nidħak u nibki.
Miegħek bil-ħsieb, ħabib, għada u llum.

Saltna ta' ġmiel għal min hu bħalna l-ħajja !
Aħna ħsieb wieħed u qalb waħda t-tnejn !
It-tieni ġenna f'imħabbitna nsibu !
Slaten fi kliemna, ma jonqosna xejn !

Inti żagħżugħ u jien żagħżugħ, ħabibi :
imma ngħoddu mijiet, eluf ta' snin :
għax għandna fehma sħiħa u rieda tajba ;
għax doqna frott il-ħajja morr u bnin.

U kullma għadda jew indifen f'qabru
jew intesa żmien ilu minn kulħadd,
għalina mera ta' li ġej, u f'qalbna
jiġġedded dejjem u ma jonqos qatt.

Aħna fil-forġa, ja ħabib, ta' ħsiebna
nikwu u naħdmu fis-skiet fdâl il-ħadid
tal-ġrajjiet qodma ta' minn awl-il-dinja
u ntuhom sura u ħajja lkoll mill-ġdid.

B'kelmitna—t-tieni ruħ li Alla tâna—
nibdlu l-ibħra fi xmux l-art fi smewwiet ;
noħolqu, nsawwru dinjiet oħra ġodda ;
inroddu l-ħajja lil eluf ta' imwiet.

B'kelmitna mkebbsa minn-nirien tal-Għana
naraw u nuru dak li ħadd ma ra,
nifhmu w infiehmu dak li ħadd ma fehem,
nagħtu u naqilgħu dak li ħadd ma tâ.

Ulied art żgħira, nafu t-tnejn lil Artna
kobor ta' ruħ bla tarf li ġnus oħrajn
ma tafx lill-akbar art ! Ruħ Malta kbira :
u ġieħha ma jkun qatt mirdum fit-tajn !

Jinxef ilsienna u ddewwdilna qalbna
milli jew qabel fuq xufftejna jmut
l-isem għażiż, maħbub ta' Malta tagħna
li min ma jweġġeħhiex ikun misħut.

Malta u Lsienna mhumiex żgħar! Moħħ dgħajjef
u qalb żonqrija dawk li jfantsu dan.
Insebbħuha lil Malta u lil Ilsienha:
għax lilhom għandna! L-bqija ftit duħħan.

Malta ġisimna u Lsien Malti ruħna.
Demmna demm malti; kliemna malti wkoll.
Twemmin San Paul it-twemmin tagħna. Lilna
minn m'Alla u minn ma' Kristu ħadd ma jħoll.

Aħna twelidna u ma mmutux: għax Alla,
għajn ta' kobor u għerf, jimliena Bih.
Aħna twelidna u ma mmutux, ħabib:
għax Alla jgħix ġe' fina u aħna Fih

KARMENU VASSALLO